RIŻOLUZZJONI (UE) 2021/1600 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tad-29 ta' April 2021

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2019

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2019,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2019 dwar il-proċedura tal-Unjoni għall-awtorizzazzjoni tal-pestiċidi ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0097/2021),

A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq tagħha ([2]), il-baġit finali tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l-"Awtorità") għas-sena finanzjarja 2019 kien EUR 80 736 785,59, li jirrappreżenta żieda ta' 1,96 % meta mqabbel mal-2018; billi l-baġit tal-Awtorità huwa prinċipalment derivat mill-baġit tal-Unjoni ([3]);

B. billi l-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Awtorità għas-sena finanzjarja 2019 (ir-"rapport tal-Qorti"), issostni li għandha fil-pussess tagħha aċċertament raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Awtorità huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota b'sodisfazzjon li l-isforzi ta' monitoraġġ tal-baġit matul is-sena finanzjarja 2019 irriżultaw f'rata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 99,99 %, li tirrappreżenta tnaqqis ċkejken ta' 0,01 % meta mqabbla mal-2018; jinnota, barra minn hekk, li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament kienet 91,45 %, li tirrappreżenta żieda ċkejkna ta' 0,15 % meta mqabbla mar-rata tal-2018;

2. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti lill-Awtorità, f'każijiet debitament ġustifikati, sett ta' mezzi biex tuża l-baġit tagħha bl-aktar mod li jħalli impatt, fost l-oħrajn billi tiddaħħal l-għażla li jitqabbdu aġenti kuntrattwali lil hinn mit-tabelli tal-persunal, għal żmien limitat u mingħajr ma jinqabeż il-pakkett baġitarju annwali maqbul tal-Awtorità; iqis li tali flessibbiltà tippermetti aċċelerazzjoni fl-irkupru tax-xogħol akkumulat b'lura f'oqsma differenti, l-aktar minħabba lakuna kbira fil-kapaċità tar-riżorsi umani;

Prestazzjoni

3. Jinnota li l-Awtorità tuża indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) fl-approċċ komprensiv tagħha għall-ġestjoni bbażata fuq il-prestazzjoni biex tkejjel il-valur miżjud mogħti mill-attivitajiet tagħha, speċjalment fir-rigward tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni xjentifika; jinnota, barra minn hekk, li l-Awtorità tuża KPIs oħra biex ittejjeb il-ġestjoni tal-baġit tagħha; jinnota li fl-2019 ma ġie mħassar jew miżjud l-ebda indikatur;

4. Jinnota b'sodisfazzjon ir-riżultati tajbin miksuba mill-Awtorità f'termini ta' preżenza fuq il-midja soċjali u li aktar minn 500 mistoqsija dwar prodotti regolati ġew indirizzati fl-2019;

5. Jinnota li l-Awtorità wettqet evalwazzjoni esterna fl-2020, fil-kuntest tal-iżvilupp ta' Strateġija 2027 ġdida, biex tivvaluta l-livell ta' implimentazzjoni tal-istrateġija attwali u biex tiżgura li jiġu integrati inizjattivi addizzjonali;

6. Jinkoraġġixxi lill-Awtorità taħdem favur id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tagħha, bħala mezz biex tnaqqas il-burokrazija;

([1]) Testi adottati, P8_TA(2019)0023.
([2]) ĠU C 107, 31.3.2020, p. 245.
([3]) ĠU C 107, 31.3.2020, p. 245.

7. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Awtorità tikkondividi r-riżorsi u l-attivitajiet mal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, mal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, mal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u maċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard fi ħdan l-istess grupp ta' politika, taħt il-gwida tad-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari, tad-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent u tad-Direttorat Ġenerali għall-Informatika; jinnota li l-Awtorità kienet qed tipparteċipa b'mod attiv fl-inizjattiva tan-Network tal-Aġenziji tal-Unjoni Ewropea dwar l-identifikazzjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tas-servizzi kondiviżi, li wasslet ukoll għal għadd ta' attivitajiet u proġetti konġunti, b'mod partikolari fil-qasam tal-akkwist konġunt; iħeġġeġ bil-qawwa lill-Awtorità biex, b'mod attiv, tipprova tikseb kooperazzjoni akbar u usa' mal-aġenziji tal-Unjoni;

8. Jinnota bi tħassib li l-Awtorità, li hi waħda mill-aġenziji regolatorji tal-Unjoni responsabbli mill-valutazzjoni tar-riskji tal-prodotti regolati, mhix qed tingħata biżżejjed riżorsi biex twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha b'mod effikaċi; jinsisti li l-Awtorità tingħata biżżejjed riżorsi biex twettaq il-kompiti tagħha;

9. Jenfasizza li, fl-2019, il-Parlament adotta 16-il oġġezzjoni għall-importazzjoni ta' għelejjel ġenetikament modifikati (ĠM) għall-ikel u l-għalf; jenfasizza li waħda mir-raġunijiet għal dawn l-oġġezzjonijiet huma l-lakuni fil-valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-Bord dwar Organiżmi Ġenetikament Modifikati tal-Awtorità; iħeġġeġ lill-Awtorità tindirizza u tagħlaq dawn il-lakuni b'urġenza; billi dawn il-lakuni jinkludu, fost l-oħrajn, nuqqas ta' ttestjar ta' effetti cocktail li jirriżultaw minn residwi ta' erbiċidi, tossini tal-*Bacillus thuringiensis* ("Bt") u kostitwenti tal-pjanti, l-impatt ta' rata ogħla ta' sprejjar ta' erbiċidi komplementari fuq is-sikurezza ġenerali tal-pjanta ĠM kif ukoll nuqqas ta' ttestjar adegwat tat-tossiċità tal-proteini Bt;

10. Jilqa' l-kontribut tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sikurezza tal-katina tal-ikel u l-għalf tal-Unjoni, kif ukoll l-isforzi konsiderevoli tagħha biex toffri konsulenza xjentifika komprensiva, indipendenti u aġġornata dwar kwistjonijiet marbuta mal-katina tal-ikel lill-maniġers tar-riskju, tikkomunika b'mod ċar ir-riżultati tagħha – u l-informazzjoni li huma bbażati fuqha – lill-pubbliku u tikkoopera ma' partijiet ikkonċernati u sħab istituzzjonali bil-għan li tippromwovi l-koerenza u l-fiduċja fis-sistema tas-sikurezza tal-ikel;

11. Jenfasizza li, fl-2019, l-Awtorità ffinalizzat 838 mistoqsija permezz ta' opinjonijiet xjentifiċi, rapporti tekniċi u pubblikazzjonijiet ta' sostenn;

12. Jinnota bi tħassib li, fir-Rapport Speċjali tagħha Nru 2/2019 ([4]), il-Qorti sabet li ż-żieda fl-għadd ta' applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni ta' sustanzi ġodda kienet wasslet għal xogħol kbir b'lura, speċjalment fil-qasam tal-ingredjenti tal-ikel regolati; jiddispjaċih li l-Istati Membri mhux dejjem jagħtu lill-Awtorità d-data meħtieġa biex twettaq valutazzjonijiet xjentifiċi;

13. Jinnota li r-Regolament (UE) 2019/1381 ([5]) (ir-Regolament il-ġdid dwar it-Trasparenza), li huwa risposta diretta għas-suċċess tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "Stop Glyphosate", ġie adottat bil-għan li jtejjeb it-trasparenza tal-valutazzjoni tar-riskju fil-katina tal-ikel, u b'mod partikolari li jsaħħaħ l-affidabbiltà, l-oġġettività u l-indipendenza tal-istudji użati mill-Awtorità; jinnota li, matul l-2019, l-Awtorità investiet total ta' 3,03 ekwivalenti full-time u ftit aktar minn EUR 196 000 fl-implimentazzjoni tal-politika tagħha dwar l-indipendenza u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess;

Politika dwar il-persunal

14. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2019, it-tabella tal-persunal kienet implimentata fil-livell ta' 97,81 %, bil-ħatra ta' ħames uffiċjali u ta' 308 aġenti temporanji maħtura mit-320 post tax-xogħol awtorizzat mill-baġit tal-Unjoni (meta mqabbel ma' 319-il post awtorizzat fl-2018); jinnota li, barra minn hekk, 131 aġent kuntrattwali u 15-il espert nazzjonali sekondat kienu qed jaħdmu għall-Awtorità fl-2019;

([4]) Ir-Rapport Speċjali Nru 2/2019 – "Perikli kimiċi fl-ikel tagħna: il-politika tal-UE dwar is-sikurezza alimentari tipproteġina, iżda jeżistu ċerti diffikultajiet", ĠU C 21, 17.1.2019, p. 7.

([5]) Regolament (UE) 2019/1381 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar it-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 1829/2003, (KE) Nru 1831/2003, (KE) Nru 2065/2003, (KE) Nru 1935/2004, (KE) Nru 1331/2008, (KE) Nru 1107/2009, (UE) 2015/2283 u d-Direttiva 2001/18/KE (ĠU L 231, 6.9.2019, p. 1).

15. Jirrikonoxxi li l-bilanċ bejn is-sessi fi ħdan il-maniġment superjuri tal-Awtorità huwa sodisfaċenti, peress li tlieta minn ħamsa huma nisa; jinnota, madankollu, li fi ħdan il-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità erbgħa minn ħmistax huma nisa; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu l-importanza li jiżguraw bilanċ bejn il-sessi jinnominaw lill-membri tagħhom fil-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità; jinnota bi tħassib l-iżbilanċ ġeografiku fi ħdan l-Awtorità, fejn nazzjonalità waħda tirrappreżenta 46,49 % tal-persunal globali; iħeġġeġ lill-Awtorità tieħu aktar miżuri biex tiżgura bilanċ ġeografiku aħjar iżda jirrikonoxxi l-isforzi li saru;

16. Jinnota li fl-2019 ingħataw sitt aġenti kuntrattwali addizzjonali, mill-25 mitluba, biex jagħmlu tajjeb għall-volum ta' xogħol akbar fil-qasam tal-valutazzjonijiet tal-ikel ġdid u l-valutazzjonijiet tal-prodotti bażiċi ta' pjanti b'riskju għoli; jinnota li l-Awtorità talbet żieda ulterjuri fir-riżorsi;

17. Jinnota li l-Awtorità adottat politika dwar il-protezzjoni tad-dinjità tal-persuni u l-prevenzjoni tal-fastidju; jirrikonoxxi li l-Awtorità organizzat korsijiet ta' taħriġ obbligatorji kemm għall-persunal kif ukoll għall-maniġers, għamlet disponibbli servizz ta' assistenza psikoloġika kunfidenzjali u ppubblikat fuq l-intranet tagħha l-ewwel rapport dwar każijiet ta' fastidju; jinnota wkoll li l-persunal u l-esperti nazzjonali sekondati biss jistgħu jibdew proċedura formali; jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Awtorità rrappurtat ħames każijiet ta' fastidju fl-2019, li tlieta minnhom kienu formali u tnejn informali; jinnota li l-proċeduri meħtieġa ġew stabbiliti biex jiġu investigati u li ma nbdiet l-ebda proċedura legali għall-ebda wieħed mill-każijiet; jistieden lill-Awtorità tirrapporta jekk tiġi implimentata kwalunkwe miżura addizzjonali biex jiġu pprevenuti każijiet futuri;

18. Jistieden lill-Awtorità tkompli tiżviluppa l-programm tagħha ethics@work billi tiżviluppa miżuri li joffru protezzjoni lill-informaturi;

Akkwist

19. Jinnota mir-rapport tal-Qorti li l-Awtorità nediet proċedura ta' akkwist għas-servizzi ta' tabib kompetenti bis-sejħa għall-offerti u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ppubblikati biss bit-Taljan, minkejja li l-lingwa operattiva tal-Awtorità hija l-Ingliż; jinnota wkoll li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi lingwistiċi li jeħtieġ li jiġu pprovduti mill-offerent ma kinux konformi; jinnota bi tħassib li l-Awtorità bħala riżultat irċeviet offerta waħda biss; jinnota r-risposta tal-Awtorità għas-sejba tal-Qorti u l-miżuri meħuda mill-Awtorità biex tipprevjeni li dan in-nuqqas jerġa' jseħħ;

Prevenzjoni u ġestjoni ta' kunflitti ta' interess u trasparenza

20. Jinnota b'sodisfazzjon il-miżuri eżistenti u l-isforzi kontinwi tal-Awtorità biex tiżgura t-trasparenza, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u l-protezzjoni tal-informaturi; jilqa' l-effikaċja tal-kontrolli *ex post u ex ante* stabbiliti biex jevitaw il-kunflitti ta' interess, li evitaw 37 każ ta' kunflitti ta' interess u rriżultaw fi tmien sejbiet, u l-ebda waħda mis-sejbiet ma kienet tirrikjedi l-adozzjoni ta' miżuri ta' rimedju;

21. Jinnota li l-osservazzjoni tal-Qorti fir-rapport tagħha tal-2017 dwar il-ħtieġa li tissaħħaħ l-indipendenza tal-uffiċjal tal-kontabilità, ingħalqet skont l-aġenzija, iżda għadha pendenti skont il-Qorti; jieħu nota tar-risposta tal-Awtorità li ma hemm l-ebda dubju dwar l-indipendenza tal-uffiċjal tal-kontabilità u jistieden lill-Awtorità titlob il-konferma tal-Qorti mill-aktar fis possibbli;

22. Jiddispjaċih li l-Awtorità, fir-rigward tal-perjodi ta' preklużjoni ta' sentejn, għadha tinkludi fil-politika ta' indipendenza tagħha l-obbligu li jiġu eżaminati l-interessi tal-esperti f'dak li għandu x'jaqsam biss mal-mandat tal-grupp xjentifiku li l-espert ikun qiegħed japplika għalih; ma jaqbilx mal-affermazzjonijiet tal-Awtorità li l-politika attwali hija "mod robust u sofistikat ta' kif jiġu evitati l-kunflitti li jista' jkun hemm"; jerġa' jitlob li l-politika tiġi aġġornata mingħajr dewmien biex ikun żgurat li l-interessi tal-esperti jitqiesu fil-kuntest tal-mandat ġenerali tal-Awtorità, bħalma talab ripetutament il-Parlament; ifakkar lill-Awtorità li, sabiex tinżamm l-indipendenza tal-bordijiet tagħha, l-Awtorità tista' taċċedi għal kwalunkwe għarfien espert li jkollha bżonn billi tistieden esperti jipparteċipaw f'seduti ta' smigħ mingħajr ma tagħtihom id-dritt jipparteċipaw fid-deliberazzjonijiet tal-bord u fit-tfassil ta' konklużjonijiet;

23. Jiddispjaċih li l-finanzjament għar-riċerka mill-kumpaniji li jidħlu fil-mandat tal-Awtorità mhuwiex meqjus rilevanti għall-perjodu ta' preklużjoni dment li l-ammonti inkwistjoni ma jkunux ogħla minn 25 % tal-baġit totali ddedikat għar-riċerka amministrat mill-espert u/jew mit-tim ta' riċerka tiegħu, u li l-limitu minimu japplika għal sorsi individwali u mhux għas-sorsi privati kollha meqjusin flimkien; jitlob għal darb'oħra li jitneħħa l-limitu minimu mill-politika ta' indipendenza tal-Awtorità, bi qbil mat-talbiet ripetuti li għamel dwar il-kwistjoni l-Parlament; jisħaq fuq il-fatt li r-rifjut kategoriku tal-Awtorità dwar it-tħassib tal-Parlament dwar din id-dgħufija fil-politika ta' indipendenza tal-Awtorità mhuwiex aċċettabbli;

24. Jistieden lill-Awtorità tallinja l-prattiki tagħha mar-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman Ewropew tas-7 ta' Mejju 2020 fil-każ 2168/2019/KR, b'mod partikolari billi tiżgura, fejn meħtieġ, li tinvoka l-possibbiltà li tipprojbixxi l-persunal ta' livell għoli tagħha milli jieħu ċerti karigi wara tmiem il-mandat tiegħu, billi tistabbilixxi kriterji li jiddeterminaw jekk persunal għandux jitwaqqaf milli imur jaħdem mas-settur privat, tinforma lill-applikanti għal karigi għolja tal-Awtorità dwar il-kriterji meta dawn japplikaw, u tistabbilixxi proċeduri interni sabiex, meta membru tal-persunal tagħha imur jaħdem f'impjieg ieħor, l-aċċess tiegħu għall-informazzjoni kunfidenzjali jiġi rtirat b'effett immedjat;

Kontrolli interni

25. Jinnota li r-rapport finali tal-awditu mis-Servizz tal-Awditjar Intern dwar il-ġestjoni tar-riżorsi umani u l-etika nħareġ fl-2019 u jinnota li saru żewġ osservazzjonijiet importanti ħafna, waħda dwar in-nuqqasijiet fil-proċess ta' reklutaġġ u selezzjoni, u l-oħra rigward in-nuqqasijiet fil-proċess tal-ġestjoni tal-ħin; jinnota li fl-2019 is-servizz tal-awditjar intern beda awditu dwar il-valutazzjoni u l-adozzjoni ta' riżultati xjentifiċi fil-qasam tal-ingredjenti tal-ikel u l-imballaġġ;

26. Jinnota li, wara rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, l-Awtorità pparteċipat f'eżerċizzju ta' rieżami bejn il-pari dwar l-immaniġġjar tar-riskju fost l-Aġenziji tal-Unjoni, li jinkoraġġixxi l-iskambju tal-aħjar prattiki;

27. Jilqa' l-implimentazzjoni sħiħa tal-pjan ta' azzjoni tal-istrateġija tal-Awtorità kontra l-frodi, wara valutazzjoni tar-riskju interna mwettqa skont il-metodoloġija u l-gwida tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi; jirrakkomanda li l-Awtorità taġġorna l-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni tagħha kontra l-frodi biex tindirizza r-riskji ta' frodi li qed tiffaċċja l-Awtorità u tirrapporta dwar il-progress lill-awtorità ta' kwittanza;

28. Jappella lill-Awtorità timmira li xxerred ir-riżultati tas-sejbiet tagħha lill-pubbliku ġenerali;

Kummenti oħra

29. Jinnota l-isforzi tal-Awtorità biex tiżgura post tax-xogħol kosteffettiv u li jkun ekokompatibbli; jistieden lill-Awtorità ssaħħaħ dawn l-isforzi billi ssegwi l-linji gwida tal-Iskema ta' Ġestjoni u Verifika Ambjentali tal-Unjoni Ewropea u taħdem biex tikseb aktar sostenibbiltà;

30. Jinnota li l-Awtorità adottat politika integrata ġdida li tkopri s-sigurtà tal-informazzjoni, il-kontinwità tal-attivitajiet, is-sigurtà, u s-saħħa u s-sikurezza; jilqa' l-introduzzjoni ta' awtentikazzjoni b'diversi fatturi, li l-kontijiet tas-superutent ġew ristretti aktar u ġie pprovdut taħriġ obbligatorju biex tiżdied is-sigurtà tal-informazzjoni fl-Awtorità;

31. Jirreferi, rigward kummenti oħrajn ta' natura orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, għar-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' April 2021 ([6]) dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

([6]) Testi adottati, P9_TA(2021)0215.